

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 310/2014****tal-25 ta' Marzu 2014****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 <sup>(2)</sup>. Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti tat-tariffa li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Moniter tal-kulur tat-tip tal-kristalli likwidi (LCD) b'qies dijagonali tal-iskrin ta' madwar 48 cm (19-il pulzier) b'dimensjonijiet ta' madwar 46 × 37 × 21 cm bi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— riżoluzzjoni normali ta' 1 440 × 900 pixels,</li> <li>— riżoluzzjonijiet appoġġati ta' 640 × 480, 800 × 600, 1 024 × 768 u 1 280 × 1 024 pixels,</li> <li>— proporzjon tal-aspett ta' 16:10,</li> <li>— pixel pitch ta' 0,285 mm,</li> <li>— luminożità ta' 300 cd/m<sup>2</sup>,</li> <li>— proporzjon tal-kuntrast ta' 500:1,</li> <li>— ħin ta' rispons ta' 8 ms,</li> <li>— żewġ lawdspikers,</li> <li>— buttuni biex tixgħel u titfi u buttuni ta' kontroll.</li> </ul> <p>Huwa mgħammar bl-interfaċċji li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— DVI-D,</li> <li>— żewġ VGA.</li> </ul> <p>Għandu stand b'mekkaniżmu li jdur.</p> <p>Il-moniter huwa ppreżentat għall-użu ma' magni tal-ipproċessar tad-dejta awtomatiċi (ADP).</p>	<p>8528 51 00</p>	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 8528 u 8528 51 00.</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tal-prodott, bħar-riżoluzzjoni, ir-riżoluzzjonijiet appoġġati, il-proporzjon tal-aspett, il-pixel pitch adatta għal wiri mill-qrib fit-tul, il-luminożità, u l-preżenza ta' mekkaniżmi li jdur, l-użu intiż huwa dak ta' moniter tat-tip użat biss jew prinċipalment f'sistema ADP tal-intestatura 8471.</p> <p>Il-moniter għalhekk għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8528 51 00 bħal moniteri oħra tat-tip użati biss jew prinċipalment f' sistema tal-ipproċessar tad-dejta awtomatika ta' intestatura 8471.</p>